**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Frar, 2017

Rikors Kongunt Nru : 538/16AL

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tad-divorzju kongunt ta' A B u C D li gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbgha t'Awwissu tas-sena elf, disa' mija u tlieta u tmenin (04.08.1983) u dan skont ic-certifikat hawn anness u mmarkat Dok A;

2. Illi miz-zwieg taghhom twieldu zewgt ulied, li llum huma entrambi adulti u indipendenti;

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef, datat hamsa u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (25.06.2002) (Dok B);

4. Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet, kienu ddekadew b'mod reciproku mill-beneficcju tal-manteniment, mentri r-Ragel kien obbligat illi jhallas biss manteniment ghall-ulied, liema manteniment dejjem thallas sakemm l-istess saru maggorenni;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Jannar, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-25 ta' Gunju 2002;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.